# ALLA FIL-ĦOLQIEN

*Ta'* Ġużè' Agius Bonello

Fil-ħemda,
Fis-skiet
T'għar jongħos in-nagħsa ta' toqol l-imwiet,

Sibt ruħi
U bdejt
Inħewden u noħlom bi ħsiebi bla ħdejt.

Taħt ħarsti
Fit-tul
Imewġu bħall-baħar rajt ħbula ta' sbul,

U aktar
Lilħinn
Sarbut dwieli ħodor mal-ħajt rieqda għall-kenn.

Fuq rasi
Mifrux
Kien ħemm wiċċ is-sema, li n-nies ma tilħqux,

Imdawwal
Mix-xemx
Li qatt ma tintefa, li m'isbħa ma ħemmx.

U jiena
Fil-ħin
Ħassejt ħsiebi jixgħel b'dawl Alla l-Ħanin :

Dak Alla
Li jien
Fittixt drabi oħra u ma stajt nara mkien.

30. VIII. 51.